**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 12 – 6 ta' Diċembru 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 12. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tiġi skużata minħabba li kienet imsiefra. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsilliera Sammut kienet infurmat b' dan fil-laqgħa tal-Kunsill li għaddiet.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Aġenda 11 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' Aġenda 11 jiġu approvati hekk kif imresqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd.

Il-minuti ġew approvati (52).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsillier Cain Grech għamel referenza għal punt 6 tal-minuti u nforma lill-Kunsill li l-laqgħa ppjanata mal-Horizon 2000 ġiet posposta għall-ġranet li ġejjin.

2.2. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 3.2 tal-minuti u nforma lill-Kunsill li grazzi għall-intervent tal-Prim Ministru, saret laqgħa mas-sur Simon Grima, *Chief Officer* ta' *Transport Malta* u l-Perit David Vassallo. Is-Sindku spjega li matul il-laqgħa tressqet it-talba tal-Kunsill li jitkompla x-xogħol ta' *resurfacing* li nbeda tul it-triq kollha, u jidher li Transport Malta kienet qegħdha tikkunsidra din it-talba b' mod favorevoli. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li għalkemm dan ma kienx xogħol tal-Kunsill, il-Kunsill għamel il-pressjoni tiegħu b' mod sħiħ, kemm permess ta' korrispondenza mat-Transport Malta u kemm mal-Prim Ministru, u kien qiegħed jirraporta dawn l-iżviluppi b' sodisfazzjon.

2.2.1 Is-Sindku kompla jgħid li għall-ewwel, meta beda bl-ewwel korrispondenza elettronika mal-Prim Ministru, huwa, i.e. il-Prim Ministru, kien wieġeb li kien ġie infurmat li l-Kunsill kien ittraskura din it-triq. Sussegwentement, is-Sindku wieġeb lura u anki hemeż ritratti ta' xogħol ta' *resurfacing* li kien sar. Kien wara din il-kjarifika li l-Prim Ministru kien qal lis-Sindku biex jerġa jaqbad il-materja tat-tkomplija tat-Triq 12 ta' Mejju mat-Transport Malta.

2.3. Il-Kunsillier Philip Said daħal għal-laqgħa fis-6.35pm.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

## 4. VOT TAL-FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-kunsilliera. Is-Sindku spjega li l-iskeda tal-pagamenti tqasmet tard fost il-Kunsilliera minħabba li kienet tiddipendi fuq in-negozjati li kienu għaddejjin

mal-kumpanija Bonnici Bros u dan kien se jispjegah f' aktar dettall waqt il-laqgħa.

4.2. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata hekk kif mressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-pagamenti ġew approvati. (53)

## 5. VJAL IL-ĦELSIEN (UPDATE)

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti rraporta lill-Kunsill li saret ħidma mill-konsulent tal-Kunsill u l-*lighting engineers* sabiex tresqet proposta ta' street lighting li ġiet aċċettata mill-Enemalta. Issa l-konsulent flimkien mal-*light engineers* kienu qegħdin ifittxu tipi ta' bozoz li jistgħu jintużaw fil-*lumaires* li għandu l-Kunsill u li jqarbu mal-i*specifications* li ġew aċċettati mill-Enemalta. Is-Sindku spjega li dan kien qiegħed isir fid-dawl tal-kwotazzjoni li ġiet sottomessa mill-kuntratturi Ritemix li meta tikkunsidra l-prezz kwotat, il-VAT, l-interessi sabiex jitħallsu fuq perijodu ta' ħames snin, u l-ispejjeż tat-trasport jammontaw għal madwar €1,100 kull bozza. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien qiegħed jara dan il-prezz bħala wieħed għoli speċjalment meta l-konsulenti żgurawna li fis-suq hemm prezzijiet ħafna aktar kompetitivi u għalhekk aktar konvint li hemm bżonn li jinħareġ tender sabiex jinxtraw dawn il-bozoz.

5.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina daħal fis-6.45pm.

5.3. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsill li meta tfassal it-tender mill-periti tal-Kunsill qatt ma ġie speċifikat x' tip ta' bozoz kellhom jintużaw imma ġie speċifikat biss id-disinn tal-arbli. Is-Sindku spjega li, sa fejn kien infurmat hu, n-negozjati mal-Enemalta dwar il-*lighting scheme* u x' tip ta' bozoz kellhom jintużaw inbdew biss waqt li x-xogħol fuq il-kostruzzjoni tat-triq kien diġa beda. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hu dejjem ġie nfurmat mill-periti tal-kunsill li l-istudji tekniċi kienu saru meta kien qiegħed jitħejja t-*tender document* u fil-fatt kien hemm dewmien biex jinħareġ it-*tender* sakemm jitlestew dawn l-istudji. Is-Sindku kompla jgħid li issa jirriżulta l-proposta oriġinali tal-periti tal-Kunsill ma kienitx aċċettabli għall-Enemalta minħabba konsum konsiderevoli ta' dawl u għax ma kienitx skond l-i*standards* internazzjonali li magħhom timxi l-Enemalta.

5.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li l-perit Godwin Agius, għan-nom tal-periti tal-Kunsill, kien infurmah li din il-problema mal-Enemalta setgħet tissolva biss billi l-Kunsil jagħmel meter tad-dawl u jħallas għall-konsum tal-eletriku. Is-Sindku Alfred Grixti qal li din ma kienitx soluzzjoni aċċetabli kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll fid-dawl tan-negozjati bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-Enemalta dwar it-tieni parti tad-devoluzzjoni tal-streetlighting.

5.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa ma kienx jaf min kien il-perit li ħa ħsieb jippjana l-is*treet lighting* għax fl-opinjoni tiegħu r-responsabiltà kienet ta' dan il-perit għax ma jistax jifhem kif perit b' ċerta esperjenza jagħmel triq u dawn l-affarijiet essenzjali ma jkunx jafhom. Il-Kunsillier Aquilina kompla jgħid li kieku saru inqas arbli, l-ispiża ta' dawn l-arbli żejda kienet tkopri l-ispiża tal-bozoz. Huwa qal ukoll li hu jemmen li l-Kunsill għandu jagħfas fuq dan il-punt u jekk il-perit ma għamilx xogħolu sew, il-Kunsill kellu l-obbligu li jekk il-perit tħallas, dan kellu jagħti servizz tajjeb u jekk kien hemm żball minn naħa tal-perit dan għandu jġorr ir-responsabiltà tiegħu.

5.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jaqbel mal-argument li qiegħed iressaq il-Kunsillier Aquilina u m' għandu xejn x' jaħbi fuq din il-kwistjoni. Is-Sindku spjega li huwa diġa kellu parir legali biex jikteb lill-perit tal-kunsill u jitolbu spjegazzjoni għal dak li ġara iżda fil-preżent ma xtaqx jgħid aktar u jikkonċentra fuq il-ħruġ tat-*tender* sabiex it-triq tinxtegħel malajr kemm jista jkun. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li meta rċieva l-proposta bil-miktub sabiex isir *meter*, illum jaf li dak iż-żmien l-Enemalta kienet diġa qed toffri soluzzjoni oħra sabiex jiġi evitat dan iżda għal xi raġuni din l-informazzjoni ma tresqitx għall-attenzjoni tal-Kunsill dak il-ħin.

5.7. Il-Viċi Sindku Thomas Agius daħal għal-laqgħa fis-7pm.

5.8. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li Vjal il-Ħelsien, il-biċċa ta' quddiem il-forn ma ġietx tajba. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-jiem ta' qabel il-periti tal-Kunsill talbu l-permess sabiex isir *longitudinal regularity test* sabiex jiġi vverifikat li l-wiċċ tat-triq ġie regolari u mhux b' ħafna skossi zgħar u skond ir-riżultati ta' dan it-test il-kuntrattur se jintalab isewwi fejn hemm bżonn.

5.9. Il-Kunsillier Philip Said ġibed l-attenzjoni fuq in-nuqqas ta' *signage* fit-triq. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li f' dak l-istadju l-kumpanija tal-periti tal-Kunsill kienet qed tiddiskuti ma' Transport Malta l-aħħar irtokki dwar is-*signage* tat-triq. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li fl-opinjoni tiegħu dan ix-xogħol seta' sar ħafna qabel u mhux issa li l-proġett lest.

5.10. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien hemm kuntatt kontinwu mal-periti tal-Kunsill sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur sabiex id-

difetti kollha fi Vjal il-Ħelsien jiġu msewwija qabel ma jkun hemm iċ-ċertifikazzjoni finali tat-triq. Is-Segretarju spjega li l-Perit wieġeb li kellha ssir *snag list* tal-affarijiet li għadhom iridu jissewwew mill-kuntrattur.

5.11. Is-Sindku Alfred Grixti kkonkluda d-diskussjoni billi ressaq proposta li l-Kunsill jirrifjuta l-offerta mressqa mill-kuntrattur u jipproċedi biex joħroġ tender għal bozoz li jiffitjaw fis-shades li għandu l-Kunsill u li huma skond l-ispeċifikazzjonijiet approvati mill-Enemalta. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Rodercik Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-Viċi Sindku Thomas Agius ma pparteċipax fil-vot. Il-proposta ġiet approvata. (54)

## 6. PUBLIC PRIVATE PARTNERSHIP (UPDATE)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li hekk kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, hu kien ikkomunika mal-kuntrattur biex jipprova jiżblokka s-sitwazzjoni. Is-Sindku qal li l-kuntrattur kien qiegħed jippretendi ċertu pagamenti. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għas-sezzjoni tat-tender bl-isem '*scope of contract*', fejn huwa speċifikat li t-toroq kollha jridu jkunu lesti fi żmien sena wara l-iffirmar tal-kuntratt u l-ħlas isir meta jkunu lesti t-toroq kollha. Is-Sindku għamel referenza wkoll għat-*terms of payments* u l-mod kif suppost isiru l-pagamenti. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-kuntrattur kien qiegħed jinterpreta t-*terms of payment* b' tali mod fejn qiegħed jitlob pagament ma' kull sett ta' toroq li jiġi ċertifikat.

6.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li meta kien inqala' l-intopp mal-kuntrattur fis-sajf u ssolva bl-intervent tal-OPM dan kien ingħata pagament bl-*understanding* li jiġi u jkompli t-toroq kollha li kien għad fadal skond l-iskeda ta' xogħolijiet li kien ippreżenta lill-Kunsill iżda dan kien waqaf wara li għamel erbgħa toroq u reġa beda bil-kantaliena tas-soltu sabiex jitħallas. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dan huwa kien ressaq it-talba għall-ħlas lid-Dipartiment u dawn kienu wieġbu b' ton iebes li kien iqegħed jiġi misinterpretat it-*tender*. Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' dan l-istadju huwa kiteb b' mod urġenti lid-Dipartiment u spjega li din ma kienitx il-pożizzjoni tal-Kunsill iżda l-Kunsill kien wassal it-talba tal-kuntrattur.

6.3. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li l-Kunsill f' dan il-każ kien vittma tal-ambizzjoni tiegħu għax huma ftit il-Kunsilli li daħlu għal proġett daqshekk

kbir u ambizzjuz u dan ippermetta lill-kuntrattur li jkun f’ pożizzjoni li jirrikatta lill-Kunsill għal ħlasijiet inkella ma jkomplix bix-xogħol.

6.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-ittra tiegħu ta’ tweġiba lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali huwa talab li ssir laqgħa taħt il-presidenza tas-sur Charles Bonello, Segretarju Privat tal-Prim Ministru, sabiex il-kuntrattur jinduna li l-Kunsill ma kienx waħdu u kellu l-appoġġ tal-awtoritajiet. Is-Sindku kompla jgħid li din il-laqgħa saret fil-21 ta’ Novembru u f’ din il-laqgħa reġa’ ħareġ ċar li l-kuntrattur kien qiegħed jinterpreta b’ mod ħażin il-kuntratt u dan ġie kkonfermat ukoll minn uffiċjali tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li kkonfermaw li l-ħlas tal-40% kellu jsir meta jitlestew it-toroq kollha. Is-Sindku Alfred Grixti qal ukoll li matul din il-laqgħa kien ressaq ukoll l-ilment tiegħu li l-kuntrattur jaqbad u jibgħat il-kejl tiegħu lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġi ċertifikat mingħajr ma jinforma lill-Kunsill u mbagħad il-Kunsill jirċievi notifika li jrid jagħti tant flus lilll-kuntrattur fuq ix-xogħolijiet. Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu dan ma kienx etiku u rrifera wkoll li matul il-laqgħa l-kuntrattur wieġeb li l-Perit ma kienx tal-Kunsill imma kien il-perit tiegħu għax huwa jħallas il-5% tal-*management fee*.

6.5. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li matul din il-laqgħa saret proposta lill-kuntrattur mis-sur Charles Bonello u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li jekk il-kuntrattur ilesti t-toroq li għad hemm pendenti sal-festi tal-Milied, id-Dipartiment jgħaddi pagament ta’ €69,702.55 u l-Kunsill kien lest li jżid magħhom €36,000 li ġew approvati preċedentament mill-Kunsill li bħala total jammontaw għal madwar €105,000. Malli jitlestew ix-xogħolijiet f’ Jannar il-kuntrattur kien se jingħata madwar €30,000 mid-Dipartiment fuq ix-xogħolijiet tal-WSC li saru u l-Kunsill joħroġ s-somma ta’ €40,000 oħra biex b’ hekk il-kuntrattur ikun ingħata l-ammont dovut lilu sa dak il-mument. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fil-laqgħa li saret Kastilja kien jidher li hemm bażi ta’ ftehim u l-kuntrattur talab li din il-proposta titressaq bil-miktub u dan sar l-għada stess. Is-Sindku spjega li minflok inbeda x-xogħol il-kuntrattur bagħat ittra u f’ din l-ittra ma kkommettiex ruħu li jlesti t-toroq kollha li kien hemm pendenti u kien qiegħed jitlob li l-Kunsill jagħti l-*commitment* tiegħu fuq il-ħlas ta’ dan ix-xogħol li kien għadu lanqas biss inbeda u anqas biss iċċertifikat.

6.6. Is-Sindku Alfred Grixti qal li bi tweġiba għal din l-ittra il-Kunsill reġa għamel offerta oħra lill-kuntrattur fejn il-kuntrattur intalab jkompli x-xogħol kollu li hemm pendenti u malli jkun hemm l-inġenji f’ dawn it-toroq jgħaddi l-pagament ta’ nofs l-ammont dovut lill-kuntrattur mal-ewwel. Is-Sindku spjega li ġie propost lill-kuntrattur li jinħareġ *cheque* ieħor bil-kumplament tal-ammont dovut u dan jinżamm għand id-Dipartiment u jingħata lill-kuntrattur meta jkun lest ix-xogħol. Is-Sindku wieġeb li għal din il-proposta l-kuntrattur ta’ tweġiba xotta u nieqsa minn ebda forma ta’ konferma u kien għalhekk li fil-vot tal-flus ġew mgħoddija ċertu pagamenti.

6.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa ħa parir legali u kien qiegħed jissuġġerixxi li l-Kunsill jagħti l-aħħar ċans lill-kuntrattur u joħroġlu *default notice* skond il-kuntratt, liema *default notice* titlob lill-kuntrattur sabiex jirregolarizza ruħu skond il-kuntratt fi żmien sebgħat ijiem sabiex ix-xogħol ikun lest sal-Milied. Il-laqgħa ġiet sospiża sabiex dan l-*item* jiġi diskuss fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.45pm.

6.8. Il-laqgħa tkompliet fit-8.25pm.

6.9. Is-Sindku Alfred Grixti qal li wara li l-membri tal-Kunsill preżenti ddiskutew fid-dettal s-sitwazzjoni tal-kuntratt tal-Public Private Partnership fiż-żona ta' Ħal Mula il-Kunsill qiegħed jirrisolvi u jaqbel li b' mod uffiċjali bħala Kunsill jagħti *default notice* lill-kuntrattur Bonnici Bros hekk kif provdut fl-istess dokument tat-*tender*, jiġifieri twissija uffiċjali li skond l-istess termini tal-kuntatt u tat-*tender* tgħid u tagħi massimu ta' sebgħat ijiem ċans lill-kuntrattur biex jirregolarizza ruħu u jiġi u jkompli bix-xogħolijiet u jekk jagħmel hekk il-Kunsill jimxi sabiex javvanzalu l-pagamenti anke jekk skond il-kuntratt mhu dovut l-ebda pagament ħalli l-Kunsill juri l-*buona volontà* tiegħu, imma jekk mill-banda l-oħra l-kuntrattur jinjora din id-default notice ma jiġi avvanzat l-ebda pagament u jiskattaw immedjatament artikoli 32 u 37 tat-*tender* dokument. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Roderick Aquilina. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Rodercik Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-Viċi Sindku Thomas Agius ma pparteċipax fil-vot. Il-proposta ġiet approvata. (55)

## 7. TENDERS

7.1. Il-Kunsill daħal fi stadju ta' kumitat sabiex jiġi diskuss r-rapport preparat mill-bord talevalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Il-laqgħa ġiet sospiża fit-8.30pm.

7.2. Il-laqgħa tkompliet fid-9.35pm.

7.3. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li wara li l-Kunsill fi stadju ta' kumitat ikkunsidra r-rapport imħejji mill-**Bord tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikazzjoni tat-*Tenders***, il-Kunsill qiegħed jipproponi li jimxi mar-rakkomandazzjonijiet li unanimament għamel dan il-bord u kien se jittieħed vot *tender, tender*.

7.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq għall-vot it-tender għat-tindif taż-żoni urbani. Is-Sindku kkwota r-rapport tal-bord li jgħid li "fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-bord tal-evalwazzjoni jirrakkomnada li t-*tender* għas-servizz ta' tindif ta' żoni urbani jiġi assenjat lill-kuntrattur Bryden Azzopardi. Is-Sindku Alfred Grixti talab sabiex qabel ma jittieħed il-vot, kull kunsillier li għandu jew iħoss li għandu kunflitt ta' interess jiddikjarah u ma jipparteċipax fil-vot. Il-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsillier Roderick Aquilina ddikjaraw li jħossu li għandhom kunflitt ta' interess. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-**Bord tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikzzjoni tat-*Tenders***. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsillier George Cortis

Il-Kunsilliera Thomas Agius u Roderick Aquilina ma pparteċipawx fil-vot.

Il-mozzjoni ġiet approvata. (56)

7.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq għall-vot it-tender għat-tindif taż-żoni mhux urbani. Is-Sindku kkwota r-rapport tal-bord li jgħid li "t-tender għas-servizz tat-tindif taż-żoni mhux urbani jingħata lil Wilson Mifsud minħabba li ppreżenta l-offerta li hija l-aktar waħda ekonomikament vantaġġjuża u l-Kunsill għandu esperjenza tal-livell ta' servizz mogħti minn dan il-kuntrattur". Is-Sindku Alfred Grixti talab sabiex qabel ma jittieħed il-vot, kull kunsillier li għandu jew iħoss li għandu kunflitt ta' interess jiddikjarah u ma jipparteċipax fil-vot. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ddikjara li jħoss li għandu kunflitt ta' interess. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-**Bord tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikzzjoni tat-*Tenders***. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Rodercik Aquilina, Duncan Bartolo, Cain Grech, Robert Tabone, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsillier George Cortis

Il-Viċi Sindku Thomas Agius ma pparteċipax fil-vot.

Il-mozzjoni ġiet approvata. (57)

7.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq għall-vot it-tender għat-tindif tal-public conveniences, tal-librerija u tal-bus shelters. Is-Sindku kkwota r-rapport tal-bord li jgħid li "fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet il-bord tal-evalwazzjoni jirrakkomnada li t-tender jingħata lil Mario Cachia". Is-Sindku Alfred Grixti talab sabiex qabel ma jittieħed il-vot, kull kunsillier li għandu jew iħoss li għandu kunflitt ta' interess jiddikjarah u ma jipparteċipax fil-vot. Il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsillier Roderick Aquilina u Robert Tabone ddikjaraw li jħossu li għandhom kunflitt ta' interess. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill jimxi mar-rakkomandazzjoni tal-**Bord tal-Evalwazzjoni u l-Aġġudikzzjoni tat-*Tenders***. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, Cain Grech, u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** il-Kunsillier George Cortis

Il-Kunsilliera Thomas Agius, Roderick Aquilina, u Robert Tabone ma pparteċipawx fil-vot.

Il-mozzjoni ġiet approvata. (58)

7.7. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jrid jiċċara li fuq kull *tender*, punt prinċipali u ewlieni tad-diskussjoni kien li ssir sorveljanza stretta sabiex is-servizz li jingħata jkun skond dak rikjest fit-*tender* sabiex jingħata servizz tal-ogħla kwalità lir-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti ddikjara li l-Kunsill b' mod unanimu kien qiegħed jaqbel li fit-twettieq tas-servizzi taħt dawn it-*tenders* il-Kunsill mhux se jkun qiegħed iħares lejn wiċċ ħadd u se jkun qiegħed juża l-armi kollha li jtuh dawn it-*tenders* sabiex jiżgura li l-Kunsill jieħu *value for money* minn dawn it-tenders.

## 8. TIŻJIN TAL-MILIED

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li dan it-*tender* kien skada, iżda ma kienx hemm ċans li jinħareġ *tender* ieħor sal-milied minħabba l-problemi kollha relatati ma Ħal-Mula u Vjal il-Ħelsien u għalhekk kien qiegħed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex dan it-*tender* jiġi estiż b' sena. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Robert Tabone u Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-proposta ġiet approvata b' mod unanimu. (59)

## 9. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

9.1. Ma tressqu l-ebda mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

9.2. Il-Kunsillier Philip Said talab li l-Kunsill jagħti rikonoxximent uffiċjali liż-żgħażugħ Larkin Zahra li kien parti minn delegazjoni tal-EU li se tingħata l-Premju Nobel għall-Paċi.

9.3. Il-Kunsillier Philip Said aġġorna lill-Kunsill bl-attivitajiet relatati mal-Health Week.

9.4. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna lill-Kunsill fuq azzjonijiet legali fil-konfront ta' persuna li ġiet rapurtata li qegħdha tgħid fil-pubbliku numru ta' akkużi malafamanti. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li din il-persuna nstabet ħatja u ġiet mogħtija *Reprimand and Admonishment* mill-Qorti u din l-istess persuna ma tistax tkellem jew tavviċina lill-Kunsillier George Cortis.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 10 ta' Jannar fis-6.30pm.

10.2. Il-laqgħa spiċċat fid-9.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |